~~iqum kulħadd, u tnejn minn ulied id-dar jiġu bil-buqar ta' l-ilma, friskatur, u xugaman (biex ma ngħidx: żir, żirġla u ħarqa) biex min irid jaħsel idejh.~~

~~Meta kollox ikun imħejji, sid id-dar igħid "Itfaddlu!" u kulħadd joqgħod bil-qegħda ma' dwar l-imxemmgħa, jew inċirata. Jekk ikun hemm xi qassis jew xi ħadd belti, iġibulu mħadda jew tnejn biex joqgħod fuqhom. L-oħrajn joqgħodu b'saqajhom imsallbin taħthom jew kokka fl-art. Iġibu xi ħarqa — drabi nadifa u drabi ftit maħmuġa — u jifirxuha fuq irkubtejn il-mistednin beltin.~~

~~Jibda l-ikel. Tieħu ftit toqlija jew leben bl-imgħarfa minn ġewwa l-bieqja ta' quddiemek, tixħetha fid-dixx tar-ross, tħawwadha ftit, tarfa' r-ross li ħawwadt bl-imgħarfa, u tieklu. Tibqa' tagħmel hekk sa kemm jogħġbok. Imbagħad hemm ukoll il-maħxi. Dan jeħtieġlek tieklu b'idek. Taqbad maħxija b'żewġt iswaba, jekk tkun tal-milfuf, tixħetha kollha f'ħalqek, għax tkun żgħira, imma jekk tkun kusa jkollok titqanna tikolha f'żewġ gidmiet jew tlieta. Hemm il-laħam tal-ħaruf, imqatta' qatgħat żgħar. Taqbad qatgħa u tikolha b'nitfa ftira, li taqtagħha b'subajk, għax skieken ma jidhrux. Ilma tixrob kull meta trid, u kull meta trid ukoll timsaħ subgħajk jew ħalqek fil-ħarqa ta' fuq irkubtejk.~~

~~Meta l-mistednin jeħilsu mill-ikel, iqumu. Li jibqa' żejjed mill-ikel, jitgħadda minn taħt purtiera għal naħa oħra ta' l-għorfa, fejn ikunu hemm in-nisa tad-dar mistoħbijin. Hemm, f'rokna ta' l-għorfa, tara minsub fuq xi banketta *seder*, jew dixx ċatt tal-ħadid, bil-ħelu. Il-ħelu jkun *knëfe* jew *baqlâwe*. Knefe tkun bħal tarja ħelwa, imgħollija u mqegħda fuq biċċiet irqaq tal-ġobon. Baqlawe, hu għaġin ħelu midluk bil-għasel jew zokkor imdewweb u mibrum, u terġa' bil-għasel imsawwab fuqu. Ma' ġenbu jkun hemm ukoll iż-żewġ subien tad-dar, wieħed biż-żinġla u l-ieħor bil-ħarqa u l-ilma fil-buqar, biex jaħslu idejn il-mistednin.~~

~~Il-mistednin joqgħodu hemm ftit ieħor, idaħħnu xi sigarrett, jitħaddtu u jixorbu l-qahwa. Imbagħad wieħed, wieħed, jieħdu b'id sid id-dar, isellmu u jitilqu qajl, qajl.~~

~~ELSIE.~~

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AĦBARIJIET TA' BARRA

*Żjarat lill-Art Imqaddsa.* — Żmien is-sajf li għadda, marret kotra kbira ta' nies iżżur l-Art Imqaddsa, minn kull naħa tad-dinja; minn Franza, Italja, Belġju, Ġermanja, Ingliterra, Awstrija, Spanja u ż-żewġ Amerki. Ta' min isemmi żjara ta' 425 f'daqqa, studenti tas-Sorbona. U 30 Russu, li nġabru flimkien minn Franza, Belġju u l-Eġittu.

*Il-Ġurdan.* — Fl-Amerka hemm tiġri xnija li l-Lhud tal-Palestina bi ħsiebhom jagħalqu x-xmara tal-Ġurdan u idawwru l-ilma tagħha biex isaqqu l-wetgħa ta' Esdrelon, li hi raba tajjeb imma nieqes mill-ilma.

*Il-Bażilka l-Ġdida ta' Nazaret.* — Xirka ta' periti minn Ravenna (Italja), marru Nazaret biex jistħarrġu jekk hemmx xi egħrien kbar taħt l-art fejn sa tinbena l-Bażilka. Niżżlu l-għodda tagħhom aktar minn ħamsa u għoxrin metru. Ma nsabux egħrien taħt l-art. għal hekk il-Bażilka tista' tinbena bla ebda biża'.

*Belt il-Milied.* — Qiegħed jinħaseb

biex it-tliet pajjiżi: Betlehem, Betġagħla u Betsaħur, li huma qrib xulxin, jingħaqdu u jsiru belt waħda bl-isem ta' Belt il-Milied.

*Ġublew tad-Deheb.* — Saru festi żgħar lil żewġt Irħieb Franġiskani li ilhom iqaddsu Ħamsin Sena. Wieħed huwa Taljan, Patri Pietru Pawl Podagrosi u l-ieħor Spanjol, P. Anġel Urogoitia.

*Il-Lbies taċ-Ċoqqa.* — Ir-R.mu Patri Kustodju tal-Qabar ta' Kristu libbes iċ-ċoqqa ta' San Franġisk lill-irħieb żgħażagħ ġodda fil-knisja ta' Santa Katarina ta' Betlehem, ħdejn il-Għar Imqaddes. Dawn huma: Fra Rużar Catanzaro, F. Ġużeppi Costantin, F. Neriku De Piano, F. Norbertu Gallasso, F. Albertu Galluf, F. Ġulju La Vecchia, F. Rafel Naki, F. Ġużeppi Napoli u F. Piju Marija Piazza. Dawn qegħdin jitgħallmu għall-quddiesa.

*Il-Qabar ta' Kristu.* — Wara li l-Latini, Griegi u Armeni ġiebu Periti tagħhom biex jaraw kif tista' tissewwa l-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, li hi mheżża sewwa, il-Franġiskani sejjħu lill-Insara tal-Ġnus Ewropija biex jibgħatu periti oħra ħalli dawn jagħtu wkoll il-fehma tagħhom. Għal hekk it-Taljani bagħtu lill-Perit Ferdinando Forlati, arkitett ta' San Mark ta' Venezja; il-Franċiżi lill-Perit Jean Trouvelot, arkitett tal-Monumenti Storiki; l-Ingliżi lill-Perit David Stokes, F.R.I.B.A.; l-Amerikani lill-Perit J. B. Baumann; il-Belġjani lill-Perit Henri Lacoste; l-Ispanjoli lill-Perit Miguel Fisac u l-Olandiżi lill-Perit H. J. Thunissen. Billi dan tal-aħħar huwa l-ixjeħ wieħed, għamilha ta' President fuq l-oħrajn. Wara li temmew ix-xogħol, saritilhom stedina fl-*Ambassador Hotel*, Ġerusalem, li fost il-ħaddara kien hemm l-Eċċ. Tiegħu Mons. Patrijarka ta' Ġerusalem, Albertu Gori, O.F.M., u d-Delegat Apostolku Mons. Oddi u l-Konslijiet kollha ta' Ġerusalem u r-Rjus il-Kbar tal-Ħakma Ġordanija.

*Kixfa sabiħa ta' qdumija.* — Fis-Surija, f'naħa jgħidulha Tell-Umm-Ħuran, inkixef maqbar tar-Rumani tat-tieni mitt sena wara Kristu. Insabu fih aktar minn 250 qabar u ġewwa fihom kotra kbira ta' għodda tal-gwerra ta' dak iż-żmien u wkoll għodda tat-tobba. Insabet ukoll ras tal-bronż bl-elmu fiha u fuq l-elmu mnaqqxa r-rebħiet kollha tal- ġeneral Ruman li kienet tiegħu.

*Misilmin u Nsara.* — Il-għaref Mislem Taħa Ħusejn għamel taħdita li fiha ħajjar lill-Insara biex jitgħallmu l-Qoran u lill-Misilmin biex jitgħallmu l-Evanġelju. Dan jeħtieġ jagħmluh, qal Taħa biex jinqata' darba għal dejjem il-biża' li kellhom minn xulxin mill-antik, l-Insara u l-Misilmin.

*Ftuħ l-Iskejjel Franġiskani.* — Wara l-4 t'Ottubru, għid San Franġisk, kienu miftuħa li-skejjel Franġiskani b'naqra ta' festa. Dawn huma: l-iskola tas-subjien li sa jidħlu rħieb, f'Emmaws; l-iskola tal-klierki f'Ġerusalem, u l-iskejjel tat-tfal iltiema u tal-Parroċċa f'Ġerusalem ukoll. Dawn tal-aħħar ħadmu programm ħelu b'kant u daqq t'orkestra, kollox mit-tfal infushom.

Ma' tul l-aħħar tliet xhur għamilna Jum il-Qabar ta' Kristu fil-knejjes Parrokkjali ta' dawn il-pajjiżi li sa nsemmu. Ottubru: fil-knisja ta' Ħal-Għaxaq, tal-Qrendi, ta' Ħal-Lija u fil-Parroċċi kollha ta' Għawdex. F'Novembru: fil-knisja ta' Birkirkara, tal-Imġarr u tan-Naxxar. F'Diċembru fil-knejjes tal-Marsa, ta' Ħal-Balzan, ta' Birżebbuġa, tas-Siġġiewi u ta' Ħad-Dingli.

Niżżu ħajr bil-qalb lil Wisq Reverendi Kappillani tal-Parroċċi li semmejna għal laqgħa tajba li laqgħuna u għal kull ma għamlu għalina biex Jum il-Qabar ta' Kristu fil-Parroċċi tagħhom iseħħ. Niżżu ħajr ukoll lil poplu ta' dawn il-pajjiżi mill-għajnuna li tawna u ngħarrfuhom li kull ma jinġabar mill-knejjes jinbagħat il-Palestina għal ħteġiet tal-Qabar Imqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu u tal-Imkejjen Imqaddsa l-oħra. Ngħarrfuhom ukoll li kull jum isirilhom talb fil-quddies li jitqaddes fl-Imkejjen Imqaddsa.

*Għal Ħteġiet tal-Qabar ta' Kristu.* — Dawn li ġejjin taw xi flus bħala għajnuna għal ħteġiet tal-Qabar Għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu: Manwela Brincat, 10s.; Karmelina Cordina, 10s.; Rebekka Galea, 10s.; Kristofru Camilleri, 10s.; Valentino Muscat, 10s.; Lilliana Dismayer, 8s.; Duminku De Gabriele, 6s.; Amneris De Giovanni, 5s.; Loreta Asciak, 5s.; Filomena Agius, 5s.; Katarina Carabott, 5s.; Nikolina Attard, 5s.; Emmanwel Mifsud, 5s.; Mabbli Fenech, 5s.; Valentina Borda, 5s.; Anġolina Micallef, 2s.6d.; Rebekka Chetcuti, 2s.6d.; Feliċjana Sammut, 2s.6d.

✝ *REQUIESCANT IN PACE.*—Il-qarrejja huma mitluba jiftakru fit-talb tagħhom fir-ruħ għażiża ta' dawna li sa nsemmu, li telqu qabilna minn din id-dinja, biex huma wkoll quddiem Alla jitolbu għalina:—

Marija Montebello, li mietet f'Diċembru 1947. Ġanni Montebello, li miet fi Frar 1948. Ġużeppina Montebello, mietet f'Novembru 1927. Pawla Mansueto, mietet f'Novembru 1914. Karmenu Mansueto, miet f'Lulju 1929. Roża Piscopo, mietet fi Frar 1928. Spiru Carabott, miet f'Novembru 1941. Salvu Carabott, miet f'Novembru 1922. Marijanna Carabott, mietet f'Ottubru 1927. Karmena Carabott, mietet f'Ġunju 1940. Anġlu Carabott, li miet f'Settembru 1949. Lukrezja Calleja, mietet f'Ġunju 1925. Lużarja Crescuolo, mietet f'Mejju 1923. Ġużeppi Dalli, miet f'Diċembru 1949. Salvu Spiteri, miet f'April 1950. Konċetta Bajo, mietet f'Settembru 1955. Karmena Ebejer, mietet f'Mejju 1952. Djonisju Dalli, li miet f'Ġunju 1930. Rev. Mikele Vella, Diċembru 1954.

IMSEĦBIN ĠODDA

Abela Olga, il-Mosta; Attard Lunzjata, Ħal-Tarxien; Agius Katarina, Ħal-Kirkop; Agius Marija, Ħal-Kirkop; Arcicovic Milanede, Ħal-Tarxien; Attard Lunzjata, Ħal-Tarxien; Abela Marija, tas-Sliema; Abdilla Karmena, il-Gżira; Azzopardi Pawlina, Ħal-Tarxien; Anastasi Grazja, Ħal-Tarxien; Axiak Manwel, il-Belt; Azzopardi Manwela, Ħaż-Żabbar; Attard Tereża, Ħaż-Żabbar; Azzopardi Antonja, Ħaż-Żabbar; Abela Franġisku, Ħamrun; Azzopardi Stella, Hamrun; Agius Antonju, Hamrun; Abela Silvia, Raħal Gdid; Azzopardi Gianni, il-Belt.

Bezzina Antonja, Mosta; Bezzina Minnie, il-Mosta; Baldacchino Salvu, il-Ħamrun; Busuttil Karmena, Ħal-

Kirkop; Boffa Doris, Raħal Ġdid; Bartolo John, il-Gżira: Bartolo Margerita, il-Gżira; Borg Grazja, San Pawl il-Baħar; Buhagiar Marija, Ħaż-Żabbar; Bezzina Teresa, Ħaż-Żabbar; Buġeja Karmenu, Ħaż-Żabbar: Bungajlas Konċetta, Ħaż-Żabbar; Busuttil Ġuża, Ħaż-Żabbar, Buttiġieġ Antonju, Hamrun; Busuttil Gejtanu, Hamrun.

Calleja Dolor, il-Mosta; Caruana Katarina, iż-Żejtun; Caruana Marija, iż-Żejtun; Camilleri Feliċ, Ħal-Kirkop; Cassar Katarina, Ħal-Kirkop; Cassar Marijanna, Ħal-Kirkop; Chircop Rosy, Ħal-Kirkop; Camilleri Ġużeppi, Ħal-Kirkop; Camilleri Feliċa, Ħal-Kirkop; Camenzuli Karmena, Raħal Ġdid; Cutajar Konċetta, Ħal-Kirkop; Calleja Ġużeppi, Ħal-Tarxien; Carabott Ġanna, Ħal-Tarxien; Caruana Dorotea, Ħal-Tarxien; Caruana Ġużeppi, Ħal-Tarxier; Kelina .............. Hal-Tarxien; Cauchi Tonina, Ħal-Tarxien; Cassar Lużar, Marsaxlokk; Cassar Karmena, Marsaxlokk; Cassar Ġorġ, Marsaxlokk; Caruana Galizia, Tas-Sliema; Calleja Teresa, il-Mosta; Calleja Duminku, Ħal-Tarxien; Cilia Mary, Ħal-Tarxien; Caruana Ludgarda, Ħal-Tarxien; Cassar Karmenu, l-Isla; Cassar Manwela, Ħaż-Żabbar; Camenzuli J., il-Marsa; Cachia Karmena, Raħal Ġdid; Conti Marija, Raħal Ġdid; Cassar Marija, Raħal Ġdid.

Delicata Joe, il-Belt; Darmanin Mary, Ħal-Tarxien; Debono Mary, Ħal-Tarxien; D'Amato Mary, Ħal-Kirkop; Debono Marija; Ħal-Kirkop; Debono Salvu, Ħal-Kirkop; Darmanin Mary, Ħal-Tarxien: Desira Salvu, iż-Żejtun; DeGabriele Mary, Ħal-Tarxien; Dimech, Rev. Dun Ġużepp, Ħal-Balzan; Debattista, Lukrezju, il-Belt.

Ellul Ġużeppi, l-Imsida.

Familli Anġlu, Għajnsielem; Farrugia Piju, Ħal-Kirkop; Falzon Marija-Anna, Ħal-Kirkop; Farrugia Żarenu, Ħal-Kirkop; Formosa Emilda, Ħal-Tarxien; Farrugia Salvina, Ħal-Tarxien; Farrugia Salvu, Ħal-Tarxien; Farrugia Anġela, il-Ħamrun; Frendo Marijanna, Ħal-Tarxien; Farrugia Lunzjata, Ħal-Tarxien; Falzon Ġorġ, il-Belt; Farrugia Mikiel, Raħal Ġdid; Farrugia Ġużeppi, il-Gudia; Farrugia Karmenu, il-Gudja.

Gaffiero, Tas-Sliema; Griscti Saverja, iż-Żejtun; Grima Angnese, San Pawl il-Baħar; Grima Mary, Ħal-Tarxien; Grech Tonina, Ħal-Tarxien; Grazia Ġanna, Ħal-Tarxien; Grech Oreste, Tas-Sliema; Calleja Victor, Tas-Sliema; Grech Kurċifissa, Ħaż-Żabbar; Grech Teresa, Ħaż-Żabbar; Grech Salvu, il-Ħamrun; Calleja Pawlu, Ħal-Qormi; Grech Salvu, il-Ħamrun.

Lynn Lily, Raħal Ġdid.

Muscat Mary, il-Mosta; Mizzi Rita, il-Mosta; Muscat Filomena, il-Mosta; Muscat Salvina, il-Mosta; Micallef Ġużeppi, San Pawl il-Baħar; Mizzi Ġużeppa, Ħal-Kirkop; Montebello Rosy, Ħal - Tarxien; Maniscalco Mikelina, Marsaxlokk; Micallef Karmena, il-Ħamrun; Meli Jane, Ħaż-Żabbar; Magro Karmena, Ħal-Tarxien.

Vella Pawlu, Ħamrun; Vella Loretu, Ħaż-Żebbuġ; Vella Pawlu, in-Naxxar; Valletta Albert, B'Kara; Vella Peter, il-Kalkara; Vella Victor, Ħamrun; Vella Manwel, Ħamrun; Vassallo Stella, iż-Żejtun; Vella Edwige, Tas-Sliema; Vassallo Teresa, l-Imsida; Vella Pawlina, Tas-Sliema; Vella Ġużeppi, Ħaż-Żabbar; Vella Karmena, in-Naxxar; Vassallo Vinċenza, Ħal-Tarxien; Vella Marija, il-Belt; Vassallo Roża, Ħamrun; Vella Pawlu, Ħaż-Żabbar; Vella Spiru, Ħal-Tarxien; Vella Marija, Ħamrun.

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-ĦIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĊJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Officini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

# ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum littfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.